

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.6.2008
KUMM(2008) 343 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-ekwivalenza ta' Materjal Riproduttiv għall-Foresti prodott f'pajjiżi terzi

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar it-tqegħid fis-suq ta' materjal riproduttiv għall-foresti tistabbilixxi li l-Kunsill għandu jiddetermina jekk il-materjal riproduttiv għall-foresti prodott f'pajjiż terz jeħtieġx l-istess assigurazzjonijiet fir-rigward ta' l-approvazzjoni tal-materjal bażiku tiegħu u l-miżuri meħuda għall-produzzjoni meta jitqiegħed fis-suq kif jeħtieġ il-materjal riproduttiv għall-foresti prodott fil-Komunità u li huwa konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Barra dan, il-Kunsill għandu jiddetermina l-ispeċi, it-tip ta' materjal bażiku u l-kategoriji tal-materjal riproduttiv għall-foresti, flimkien mar-reġun tiegħu ta' provenjenza, li jistgħu jitqiegħdu fis-suq skond l-Artikolu 19.1 fi ħdan il-Komunità.

Il-Kunsill ta' l-OECD adotta f'Lulju 2007 Skema għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Materjal Riproduttiv għall-Foresti Użat fil-Kummerċ Internazzjonali (l-Iskema ta' l-OECD taż-Żrieragħ u l-Pjanti Forestali).

Eżami ta' dawn ir-regoli wera li l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 1999/105/KE. Barra minn hekk, għajr għall-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-kwalità taż-żerriegħa, il-purità ta' l-ispeċi u l-kwalità tan-nebbiet għat-tħawwil, ir-regoli ta' dawn il-pajjiżi terzi jeħtieġu l-istess assigurazzjonijiet fir-rigward tal-kundizzjonijiet applikabbli għaż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil tal-kategoriji "sors identifikat" u "magħżula" bħal dawk stipulati fid-Direttiva 1999/105/KE. Għaldaqstant, ir-regoli għaċ-ċertifikazzjoni tal-materjal tal-forestrija tal-kategoriji "sors identifikat" u "magħżula" fil-Kanada, fin-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija u fl-Istati Uniti ta' l-Amerika għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 1999/105/KE, sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet addizzjonali fir-rigward taż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil.

Il-proposta preżenti tippermetti l-istabbiliment ta' reġim ta' ekwivalenza għall-importazzjoni ta' materjal riproduttiv għall-foresti skond regoli ċari u s-sostituzzjoni ta' reġim temporanju waqt li tawtorizza lill-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet individwali għall-importazzjoni ta' materjal bħal dan.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-ekwivalenza ta' Materjal Riproduttiv għall-Foresti prodott f'pajjiżi terzi

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar it-tqegħid fis-suq ta' materjal forestali riproduttiv¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) u 19(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni²,

Billi:

- (1) Ir-regoli għaċ-ċertifikazzjoni tal-materjal riproduttiv għall-foresti fil-Kanada, fin-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija u fl-Istati Uniti ta' l-Amerika jirrikjedu li ssir spezzjoni uffiċjali fil-post li għandha titwettaq matul il-ġbir u l-ipproċessar taż-żrieragħ u l-produzzjoni tan-nebbiet għat-taħwil.
- (2) Skond dawn ir-regoli, is-sistemi għall-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' materjal bażiku u l-produzzjoni sussegwenti tal-materjal riproduttiv minn dan il-materjal bażiku għandhom isegwu l-Iskema ta' l-OECD għall-Iċċertifikar ta' Materjal Riproduttiv għall-Foresti Użat fil-Kummerċ Internazzjonali (l-Iskema ta' l-OECD taż-Żrieragħ u l-Pjanti Forestali). Barra dan, dawn ir-regoli jeħtieġu li ż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil tal-kategoriji "sors identifikat" u "magħżula" ikunu ċċertifikati uffiċjalment u l-pakketti taż-żrieragħ uffiċjalment magħluqa skond l-Iskema ta' l-OECD taż-Żrieragħ u tal-Pjanti Forestali.
- (3) Eżami ta' dawn ir-regoli wera li l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 1999/105/KE. Barra minn hekk, għajr għall-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-kwalità taż-żerriegħa, il-purità ta' l-ispeċi u l-kwalità tan-nebbiet għat-tħawwil, ir-regoli ta' dawn il-pajjiżi terzi jeħtieġu l-istess assigurazzjonijiet fir-rigward tal-kundizzjonijiet applikabbli għaż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil tal-kategoriji "sors identifikat" u "magħżula" bħal dawk stipulati fid-Direttiva 1999/105/KE. Għaldaqstant, ir-regoli għall-iċċertifikar ta' materjal tal-forestrija tal-kategoriji "sors identifikat" u "magħżula" fil-Kanada, fin-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija u fl-Istati Uniti ta' l-Amerika għandhom jitqiesu bħala

¹ ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/527/KE (ĠU L 194, 26.7.2007, p. 9)

² ĠU C 199, 14.7.1999, p. 1.

ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 1999/105/KE, sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet addizzjonali fir-rigward taż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil.

- (4) Ir-regoli ta' dawn il-pajjiżi terzi li ssem mew qabel jistgħu madankollu ma jitqisux bħala ekwivalenti għall-kategoriji "kwalifikati" u "eżaminati" li għalihom l-Iskema ta' l-OECD taż-Żrieragħ u tal-Pjanti Forestali ma tapplikax. Huwa għalhekk xieraq li l-ambitu ta' din id-Deċiżjoni ta' ekwivalenza jiġi limitat għall-materjal riproduttiv li jaqa' fil-kategoriji "sors identifikat" u "magħżula".
- (5) Id-definizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 1999/105/KE għandhom jintużaw f'din id-Deċiżjoni bl-għan li jiżguraw il-konsistenza bejn iż-żewġ atti.
- (6) Il-materjal tal-forestrija li jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-pjanti stipulati fid-Direttiva 2009/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri ta' ħarsien kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi li huma ta' ħsara għal pjanti jew għal prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fi ħdan il-Komunità³.
- (7) Huwa xieraq li l-kundizzjonijiet addizzjonali għaż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil fir-rigward tal-kwalità u l-purità ta' l-ispeċi stipulati permezz ta' din id-Deċiżjoni jirriflettu 'l dawk stipulati fid-Direttiva 1999/105/KE.
- (8) Biex ikun garantit l-istess livell ta' traċċabilità bħal dak previst fid-Direttiva 1999/105/KE, huwa xieraq li jiġu inklużi f'din id-Deċiżjoni regoli li jikkonċernaw il-ħruġ ta' Ċertifikat Oriġinali għaż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil mad-dħul tagħhom fil-Komunità. Dan iċ-Ċertifikat Oriġinali għandu jkun imsejjes fuq iċ-Ċertifikat uffiċjali ta' l-OECD ta' Provenjenza u għandu jindika li l-materjal importat huwa msejjes fuq reġim ta' ekwivalenza.
- (9) Ikun xieraq fil-ġejjieni li jiġu aġġornati ċerti partijiet mill-annessi tad-Deċiżjoni preżenti biex ikun żgurat li ż-żerriegħa importata tkun soġġetta għal rekwiżiti ekwivalenti għal kwalunkwe regoli ġodda li jistgħu jiddaħħlu. Dawn l-emendi għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tniżżel il-proċeduri għall-eżerċizzju ta' l-implimentazzjoni ta' poteri mogħtija lill-Kummissjoni⁴.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Ambitu u definizzjonijiet

1. Din id-Deċiżjoni tiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom il-materjal riproduttiv għall-foresti tal-kategoriji "sors identifikat" u "magħżula" prodott f'pajjiżi terzi imniżżel fl-Annex I ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi importat fil-Komunità.

³ ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/41/KE (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 51).

⁴ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

Dan japplika sakemm qed jintlaħqu l-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva 2000/29/KE.

2. Id-definizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 1999/105/KE għandhom japplikaw għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2 *Ekwivalenza*

1. Is-sistemi għall-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-materjal bażiku u l-produzzjoni sussegwenti ta' materjal riproduttiv minn dan il-materjal bażiku taħt il-kontroll ta' l-awtoritajiet imsemmijal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni jew taħt is-superviżjoni uffiċjali ta' dawn l-awtoritajiet, applikati fil-pajjiżi terzi mniżżla f'dak l-Anness, għandhom jitqiesu ekwivalenti għal dawk imwettqa mill-Istati Membri skond id-Direttiva 1999/105/KE.
2. Iż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil tal-kategoriji "sors identifikat" u "magħżula" ta' l-ispeċi mniżżla fl-Anness I tad-Direttiva 1999/105/KE, prodotti f'pajjiżi terzi mniżżla fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni u uffiċjalment iċċertifikati mill-awtoritajiet imniżżla f'dak l-Anness għandhom jitqiesu li huma ekwivalenti għaż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil li jikkonformaw mad-Direttiva 1999/105/KE sakemm din tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II.

Artikolu 3 *Ċertifikat Oriġinali*

Meta ż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil jidħlu fil-Komunità, il-fornitur li jimporta dan il-materjal għandu jgħarraf l-Entità Uffiċjali ta' dak l-Istat Membru ta' l-importazzjoni. L-Entità Uffiċjali għandha toħroġ Ċertifikat Oriġinali msejjes fuq iċ-Ċertifikat uffiċjali ta' l-OECD ta' Provenjenza qabel ma l-materjal jitqiegħed fis-suq.

Iċ-Ċertifikat Oriġinali għandu jindika li l-materjal ġie importat skond reġim ta' ekwivalenza.

Artikolu 4 *Emendi għall-Annessi*

L-emendi għall-Annessi, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jirrigwardaw l-ewwel kolonna tat-tabella fl-Anness I, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(2).

Artikolu 5 *Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija stabbilit permezz ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 66/399/KEE⁵, minn hawn 'il quddiem 'il-Kumitat'.

⁵ ĠU 125, 11.7.1966, p. 2289/66.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit bħala xahar wieħed.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikol 6
Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

Il-pajjiżi u l-awtoritjiet

Pajjiż (*)	L-awtorità responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni
1	2
CA	National Forest Genetic Resource Centre Natural Resources Canada Canadian Forest Service-Atlantic Fredericton, New Brunswick
CH	Federal Office for Environment (FOEN) Department of the Environment, Transport, Energy and Communications (UVEK) Forest Division Federal Plant Protection Service Birmensdorf
NO	Norwegian Forest Research Institute Aas
TR	Ministry of Forestry Forest Tree Seeds and Tree Breeding Research Directorate Orman Bak awlgi Arastirma Planlama ve Koord. Dai. Bsk. Orman Genel Müdürlüğü, 2N° lu Bina GAZI- ANKARA
US	National Tree Seed Laboratory USDA Forest Service Purdue University West Lafayette, Indiana

(*) CA – Il-Kanada, CH – L-Iżvizzera, NO – in-Norveġja, TR – it-Turkija, US – l-Istati Uniti ta' l-Amerika

ANNEX II

A. Il-kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu maż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi.

1. Iż-żerriegħa għandha tiġi uffiċjalment iċċertifikata bħala li ġejja minn materjal bażiku approvat u l-pakketti għandhom jingħalqu skond ir-regoli nazzjonali għall-applikazzjoni ta' l-Iskema ta' l-OECD taż-Żrieragħ u l-Pjanti Forestali. Għandha titwaħħal tikketta uffiċjali ta' l-OECD ma' kull lott ta' żrieragħ flimkien ma' kopja taċ-Ċertifikat uffiċjali ta' Provenjenza jew dokument mill-fornitur li jagħti t-tagħrif kollu mniżżel fiċ-Ċertifikat uffiċjali ta' Provenjenza ta' l-OECD kif ukoll l-isem tal-fornitur.
2. Fil-każ taż-żerriegħa, it-tikketta ta' l-OECD jew id-dokument tal-fornitur għandha tinkludi wkoll it-tagħrif addizzjonali evalwat, kemm jista' jkun possibbli, b'tekniki internazzjonalment aċċettabbli:
 - (a) purità: il-perċentwali tal-piż taż-żerriegħa pura, żrieragħ oħra u materja inattiva tal-prodott kummerċjalizzat bħala żerriegħa fil-lott;
 - (b) il-perċentwali tal-ġerminazzjoni taż-żerriegħa pura, jew, meta l-perċentwali tal-ġerminazzjoni jkun impossibbli jew imprattikabbli li jiġi kkalkolat, il-perċentwali ta' vijabbiltà evalwat b'referenza għal metodu speċifiku;
 - (c) il-piż ta' 1 000 żerriegħa pura;
 - (d) in-numru ta' żerriegħa germinabbli għal kull kilogramma tal-prodott kummerċjalizzat bħala żerriegħa, jew, meta n-numru ta' żerriegħa germinabbli ma jkunx possibbli jew imprattikabbli li jiġi kkalkolat, in-numru vijabbli taż-żerriegħa għal kull kilogramma.
3. B'deroga għall-paragrafu 2, it-tagħrif addizzjonali msemmi hawn fuq li jikkonċerna l-proċedura ta' l-eżami taż-żerriegħa li jagħmel użu minn tekniki aċċettati internazzjonalment jista' jiġi pprovdut mill-fornitur li jimporta ż-żerriegħa qabel l-ewwel tqegħid fis-suq fil-Komunità.
4. Biex iż-żerriegħa tal-wiċċ tar-raba' tas-sena attwali tkun disponibbli mingħajr dewmien, iż-żerriegħa tista' titqiegħed fis-suq mill-fornitur li jimportaha sa l-ewwel xerrej mingħajr ma jkunu ntlaħqu l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa skond il-paragrafi 2(b) u 2(d) ta' dan l-Anness. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet kif stabbiliti fil-paragrafu 2(b) u(d) għandhom ikunu mistqarra mill-fornitur li jimporta dak il-materjal kemm jista' jkun malajr.
5. Fil-każ ta' kwantità żgħira ta' żerriegħa, kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2301/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 li jistipula r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE fir-

rigward tad-definizzjoni ta' kwantitajiet żgħar ta' zerriegħa⁶ ir-rekwiżiti kif stipulati fil-paragrafu 2(b) u 2(d) ma japplikawx.

⁶ ĠU L 348, 21.12.2002, p. 75-77.

6. Il-lottijiet taż-żrieragħ għandhom jilhqqu livell minimu ta' purità ta' l-ispeċi ta' 99 %. Madankollu, fil-każ ta' l-ispeċi relatati mill-qrib, b'esklużjoni ta' ibridi artifiċjali, il-purità ta' l-ispeċi tal-lott tal-frott jew taż-żrieragħ li ma jilħqux id-99 % għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta jew id-dokument tal-fornitur.
7. Bħala deroga mill-paragrafu 1, iż-żerriegħa fi kwantitajiet xierqa tista' tingiebb minn materjal bażiku mhux approvat:
 - (a) għat testijiet, għanijiet xjentifiċi jew għall-konservazzjoni ġenetika;
 - (b) fejn l-unitajiet taż-żrieragħ jidhru biċ-ċar li mhumiex intiżi għal skopijiet forestali.

B. Il-kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu man-nebbiet għat-tħawwil prodotti fil-pajjiżi terzi.

1. Il-produzzjoni tan-nebbiet għat-tħawwil għandha ssir f'mixtla rreġistrata ma' l-awtoritajiet imsemmija fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni jew taħt is-superviżjoni ta' dawn l-awtoritajiet, fil-pajjiżi terzi. Għandha titwaħħal Tikketta ta' l-OECD ma' kull kunsinna flimkien ma' kopja taċ-Ċertifikat uffiċjali ta' Provenjenza ta' l-OECD jew dokument mill-fornitur li jagħti t-tagħrif kollu mniżżel fiċ-Ċertifikat uffiċjali ta' Provenjenza ta' l-OECD kif ukoll l-isem tal-fornitur.
2. In-nebbiet għat-tħawwil għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness VII, Parti D tad-Direttiva 1999/105/KE.
3. In-nebbiet għat-tħawwil li għandhom jitqiegħdu fis-suq għall-konsumaturi f'reġjuni li għandhom klima Mediterranja għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness VII, Parti E, tad-Direttiva 1999/105/KE.